



C/2026/549

23.1.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ M.12274 – CHEQUERS / FREMMAN / GROUPE BERTIN)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/549)

1. Fil-15 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Chequers Capital XVIII SLP (Franza), ikkontrollata minn Chequers Partenaires S.A. (flimkien ma' Chequers Capital XVIII SLP "Chequers", Franza),
- Retta S.à r.l. (il-Lussemburgu) ikkontrollata minn Fremman 2 GP Luxembourg S.à r.l. ("Fremman", il-Lussemburgu),
- Groupe Bertin Technologies S.A.S. ("Groupe Bertin", Franza).

Chequers u Fremman se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Groupe Bertin JV kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

- Chequers hija ditta ta' ekwità privata li tiffoka fuq l-investimenti fis-suq medju fl-Ewropa,
- Freeman hija ditta ta' investiment li l-fondi tagħha jinvestu f'kumpaniji tas-suq medju fl-Ewropa, u
- Groupe Bertin huwa grupp industrijali Ewropew tal-istrumentazzjoni ta' livell għoli għal applikazzjonijiet kritiċi jew xjentifiċi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12274 — CHEQUERS / FREMMAN / GROUPE BERTIN

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
